MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 278/2012

**13 Distributions Ltd**
**Vs**
**Marphil Gauci (K.I. 584392M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici kienet inkarigata mill-konvenut biex tiddistribwixxi materjal stampat, lieam distribuzzjoni saret mis-socjeta' attrici skont l-istruzzjonijiet tal-konvenut; illi l-konvenut naqas milli jhallas l-ammont dovut minnu u cioe elf, mitejn u disa' ewro u hamsin centezu (€1209.50), in kwantu elf u hamsa u ghoxrin ewro (€1025.00) rapprezentanti distribuzzjonijiet liema xoghol gie maghmul mis-socjeta' attrici fuq struzzjonijiet tal-konvenut, u s-somma ta' mija u erbgha u tmenin ewro u hamsin centezmu (€180.50) dovuti bhala VAT; illi nonostante l-fatt li l-konvenut kien interpellat diversi drabi sabiex ihallas huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; ghaldaqstant is-socjeta' attrici qieghda titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mitejn u disa' ewro u

hamsin centezmu (€1209.50) oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv; bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni, inkluz bl-ispejjez tal-ittra ufficjali (numru 3645/2011) datata disgha u ghoxrin ta' Settembru, 2011.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit- 12 ta' Novembru, 2011 mill-Avukat Charlene Caruana u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, mitejn u disa' ewro u hamsin centezu (€1209.50) u dan bl-ispejjez, inkluz l-ittra ufficjali numru 3645/2011, u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------